Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 288/2009**

tas-7 ta' April 2009

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-għajnuna Komunitarja għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi, fil-qafas tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel

(ĠU L 94, 8.4.2009, p. 38)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 34/2011 tat-18 ta' Jannar 2011	L 14	6	19.1.2011
►**M2**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1208/2011 tat-22 ta' Novembru 2011	L 305	53	23.11.2011
►**M3**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 30/2013 tas-17 ta' Jannar 2013	L 14	7	18.1.2013

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 288/2009

tas-7 ta' April 2009

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-għajnuna Komunitarja għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi, fil-qafas tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 103h(f) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 13/2009 ([2]) emenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007, sabiex jipprovdi għal għajnuna Komunitarja taħt Skema tal-Frott għall-Iskejjel għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal li jattendu b'mod regolari wieħed mill-istabbilimenti edukattivi amministrati jew rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru.

(2) Sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tal-Iskema tagħhom tal-Frott għall-Iskejjel, l-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fl-Iskema, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, għandhom ifasslu strateġija minn qabel għall-implimentazzjoni tagħha. Sabiex jiżguraw il-valur miżjud tal-Iskemi tal-Frott għall-Iskejjel stabbiliti taħt dan ir-Regolament, fl-istrateġija tagħhom l-Istati Membri għandhom jispjegaw kif se jiggarantixxu l-valur miżjud tal-iskema tagħhom, speċjalment meta l-ikliet regolari tal-iskola jiġu kkunsmati fl-istess ħin bħall-prodotti ffinanzjati taħt l-Iskema tagħhom tal-Frott għall-Iskejjel. Meta l-Istati Membri jagħżlu li jimplimentaw aktar minn Skema waħda, għandhom ifasslu strateġija għal kull waħda mit-tali Skemi.

(3) L-istrateġija ta' Stat Membru għandu jkun fiha l-elementi prinċipali msemmija fl-Artikolu 103ga(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jiġifieri l-baġit tal-iskema tiegħu, inkluża l-kontribuzzjoni Komunitarja u dik nazzjonali, it-tul ta' żmien tagħha, il-grupp fil-mira, il-prodotti eliġibbli u l-involviment tal-partijiet interessati rilevanti, bħall-awtoritajiet edukattivi u dawk tas-saħħa, is-settur privat u l-ġenituri tat-tfal. L-istrateġija ta' Stat Membru għandha wkoll tiddeskrivi l-miżuri ta' akkumpanjament li għandhom jiġu adottati sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-Iskema.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 5, 9.1.2009, p. 1.

▼B

(4) Skont l-Artikolu 152(1) tat-Trattat, irid jiġi żgurat livell għoli tas-saħħa fit-tifsira u fl-implimentazzjoni tal-politiki kollha tal-Komunità. Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti eliġibbli għall-għajnuna joffru livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa għat-tfal u sabiex ikun hemm promozzjoni ta' drawwiet tajbin fil-konsum tal-ikel, l-Istati Membri għandhom jeskludu mill-istrateġija tagħhom prodotti miżjudin biz-zokkor, bix-xaħam, bil-melħ jew b'sustanzi li jagħtu l-ħlewwa, għajr fejn, f'każijiet iġġustifikati kif dovut, l-Istati Membri jipprovdu fl-istrateġija tagħhom li t-tali prodotti jistgħu jkunu eliġibbli taħt l-iskema tagħhom. Fil-każijiet kollha, il-lista ta' Stat Membru tal-prodotti eliġibbli għandha tiġi approvata mill-awtorità tas-saħħa nazzjonali kompetenti.

(5) L-Iskemi tal-Frott għall-Iskejjel jirrikjedu miżuri ta' akkumpanjament sabiex ikunu effettivi. Il-miżuri ta' akkumpanjament m'għandhomx ikunu limitati għal ċerti żoni ġeografiċi jew ċerti stabbilimenti edukattivi, u b'hekk jeskludu lil ċerti tfal mill-ambitu tagħhom. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jagħtu aċċess għall-miżuri ta' akkumpanjament lill-biċċa l-kbira tat-tfal li huma fil-grupp fil-mira tal-iskema tagħhom.

(6) Fl-interess tal-amministrazzjoni soda u tal-gestjoni tal-baġit, l-Istati Membri li jimplimentaw Skema tal-Frott għall-Iskejjel għandhom japplikaw għall-għajnuna Komunitarja fuq bażi annwali.

(7) Għal skopijiet tat-trasparenza, għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna Komunitarja għal kull Stat Membru, ikkalkulata abbażi tal-kriterju tal-allokazzjoni msemmi fl-Artikolu 103ga(5) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Sabiex jitqiesu l-iżviluppi demografiċi, il-Kummissjoni għandha tevalwa tal-anqas darba kull tliet snin jekk dik l-allokazzjoni tkunx għadha aġġornata.

(8) Sabiex jiġi mmassimizzat il-potenzjal sħiħ tal-fondi disponibbli, l-għajnuna Komunitarja li tkun ġiet attribwita b'mod indikattiv lill-Istati Membri li ma jkunux innotifikaw lill-Kummissjoni bl-istrateġija tagħhom fil-ħin għandhom jiġu allokati mill-ġdid bejn l-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw u li jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar ir-rieda tagħhom li jużaw aktar mill-allokazzjoni inizjali tagħhom tal-għajnuna Komunitarja.

(9) Mhux biss spejjeż imġarrba għax-xiri tal-frott u l-ħaxix, tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u tal-prodotti tal-banana għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna Komunitarja, jekk dan ikun ipprovdut fl-istrateġija ta' Stat Membru, iżda wkoll xi spejjeż relatati magħhom li huma direttament marbuta mal-implimentazzjoni tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel. Madankollu, sabiex titħares l-effettività tal-Iskema, perċentwal żgħir biss ta' għajnuna għandu jiġi allokat għal dawn l-ispejjeż relatati. Għall-finijiet tal-ġestjoni finanzjarja u tal-kontroll, dawn l-ispejjeż għandhom jirrappreżentaw ammonti fissi, ikkalkulati fuq bażi *pro rata*.

(10) Fl-interess tal-amministrazzjoni soda u tal-ġestjoni u s-superviżjoni baġitarja, il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna, l-approvazzjoni tal-applikanti għall-għajnuna u l-kundizzjonijiet għal applikazzjoni valida għall-għajnuna għandhom jiġu speċifikati. Fdak li għandu x'jaqsam mal-ħlas tal-għajnuna, ir-rekwiżiti li jridu jintlaħqu mill-applikanti għandhom jiġu speċifikati u għandhom jiġu stabbiliti r-regoli għat-tressiq tal-applikazzjonijiet, għall-verifiki u għas-sanzjonijiet li jridu jsiru mill-awtoritajiet kompetenti u r-regoli dwar il-proċedura tal-ħlas.

▼B

(11) Biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunità għandhom jiġu adottati miżuri adegwati għall-ġlieda kontra l-irregolaritajiet u kontra l-frodi. Dawn il-miżuri ta' kontroll għandhom jinvolvu verifika amministrattiva sħiħa ssupplementata b'verifiki fuq il-post. L-ambitu, il-kontenut, l-iskeda taż-żmien u r-rappurtar ta' miżuri ta' kontroll bħal dawn għandhom jiġu speċifikati biex jiżguraw approċċ ġust u uniformi bejn l-Istati Membri, filwaqt li jqisu l-implimentazzjoni differenti tagħhom tal-iskema.

(12) Ammonti mħallsa b'mod mhux dovut għandhom jiġu rkuprati u għandhom jiġu ddeterminati sanzjonijiet sabiex iżommu lill-applikanti minn imġiba ta' frodi u ta' negliġenza serja.

(13) Sabiex tiġi vvalutata l-effettività tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel, u biex jippermettu r-reviżjoni bejn il-pari u l-iskambju tal-aħjar prassi, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni tal-Iskema tagħhom tal-Frott għall-Iskejjel fuq bażi regolari u jibagħtu r-riżultati u s-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni. Meta frott u ħaxix, frott u ħaxix proċessati u prodotti tal-banana ma jitqassmux mingħajr ħlas lill-grupp fil-mira tal-iskema tagħhom, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-impatt ta' kontribuzzjoni min-naħa tal-ġenituri fuq l-effettività tal-Iskema tagħhom.

(14) L-esperjenza wriet li l-benefiċjarji tal-proġetti kkofinanzjati mill-għajnuna Komunitarja mhumiex dejjem konxji biżżejjed mir-rwol tal-Komunità fil-proġett rilevanti. Ir-rwol tal-Komunità fl-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel għandu għalhekk ikun indikat b'mod ċar f'kull stabbiliment edukattiv li jkun qed jipparteċipa fiha.

(15) Sabiex tippermetti lill-Istati Membri biżżejjed żmien biex jistabbilixxu l-Iskema tagħhom tal-Frott għall-Iskejjel, jew biex jallinjaw l-iskema eżistenti tagħhom mad-dispożizzjonijiet il-ġodda, l-Istati Membri jistgħu jelaboraw strateġija li jkun fiha biss l-element prinċipali ewlieni għall-perjodu inizjali ta' bejn l-1 ta' Awwissu 2009 u l-31 ta' Lulju 2010. Għandhom ikunu jistgħu jipposponu wkoll l-adozzjoni tal-miżuri ta' akkumpanjament matul dak il-perjodu ta' tranżizzjoni.

(16) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ambitu u l-użu tat-termini

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-għajnuna Komunitarja għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi, fil-qafas tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel u għal ċerti spejjeż relatati.

▼B

2. It-termini wżati f'dan ir-Regolament għandhom ikollhom l-istess tifsira li għandhom fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor.

Artikolu 2

Il-grupp fil-mira

L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 103ga tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandha tiġi mmirata lejn it-tfal li jattendu b'mod regolari fi kwalunkwe wieħed mill-istabbilimenti edukattivi amministrati jew irrikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru.

Artikolu 3

L-istrateġija

1. L-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu Skema tal-Frott għall-Iskejjel għandhom ifasslu l-istrateġija msemmija fl-Artikolu 103ga(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

2. L-istrateġija ta' Stat Membru ma għandhiex tkopri prodotti li huma elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament. Madankollu, f'każijiet iġġustifikati b'mod dovut, bħal meta Stat Membru jixtieq jiżgura firxa wiesgħa ta' prodotti taħt l-iskema tiegħu jew jixtieq jagħmel l-iskema tiegħu aktar attraenti, strateġija tista' tipprovdi li t-tali prodotti jistgħu jsiru eliġibbli, jekk jiżdiedu biss ammonti limitati tas-sustanzi msemmija f'dak l-Anness.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tas-saħħa kompetenti tagħhom japprovaw il-lista tal-prodotti li għandhom ikunu eliġibbli taħt l-Iskema tagħhom tal-Frott għall-Iskejjel.

3. L-Istati Membri għandhom jispjegaw, fl-istrateġija tagħhom, kif se jiggarantixxu l-valur miżjud tal-Iskema tagħhom tal-Frott għall-Iskejjel, speċjalment fejn l-istrateġija tagħhom tippermetti l-konsum tal-ikliet regolari tal-iskola fl-istess ħin mal-prodotti ffinanzjati taħt l-Iskema tagħhom tal-Frott għall-Iskejjel. Għandhom jiddeskrivu l-miżuri ta' kontroll tagħhom fl-istrateġija tagħhom.

▼M2

4. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fl-istrateġija tagħhom liema miżuri ta' akkumpanjament jadottaw biex jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-iskema tagħhom. Dawk il-miżuri għandhom ikunu edukattivi u għandhom jiffokaw fuq it-titjib tal-għarfien tal-grupp fil-mira tas-settur tal-frott u l-ħxejjex jew tal-użanzi ta' ikel tajjeb għas-saħħa u jistgħu jinvolvu l-għalliema u l-ġenituri.

▼B

5. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-livell ġeografiku u amministrattiv xieraq li fih jixtiequ jimplimentaw "Skema tal-Frott għall-Iskejjel". ►M2 Jekk jagħżlu li jimplimentaw aktar minn skema waħda, għandhom jipprovdu strateġija għal kull skema. ◄ Stat Membru li jimplimenta diversi skemi jista' jistabbilixxi qafas ta' koordinazzjoni.

▼B

Artikolu 4

Għajnuna għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal

▼M3

1. L-Istati Membri li jistabbilixxu Skema tal-Frott għall-Iskejjel jistgħu japplikaw għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 103ga tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għal perjodu wieħed jew aktar li jibda fl-1 ta' Awwissu u jintemm fil-31 ta' Lulju, billi, sal-31 ta' Jannar tas-sena meta jibda l-ewwel perjodu, jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-istrateġija tagħhom.

L-istrateġija għandha tkun akkumpanjata b'applikazzjoni għall-għajnuna li għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna msemmija fil-paragrafu 3 u stipulata fl-Anness II għal dan ir-Regolament, espressa f'EUR;

(b) il-kapaċità li tintuża aktar mill-allokazzjoni indikattiva msemmija fil-paragrafu 3 u stabbilita fl-Anness II;

(c) fejn l-ebda kapaċità biex jintużaw fondi addizzjonali mhi indikata kif jipprevedi l-punt (b), l-allokazzjoni mitluba, espressa f'EUR, għandha tiġi speċifikata;

(d) fejn tiġi indikata kapaċità biex jintużaw fondi addizzjonali kif jipprevedi l-punt (b), l-allokazzjoni addizzjonali massima mitluba, espressa f'EUR, għandha tiġi speċifikata;

(e) baġit totali mitlub.

L-applikazzjoni għall-għajnuna għandha tiġi ppreżentata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([1]).

▼B

2. L-Istati Membri li diġà għandhom skema tal-frott għall-iskejjel, jew skemi oħrajn ta' distribuzzjoni fl-iskejjel li jinkludu l-frott, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jikkwalifikaw għall-għajnuna Komunitarja soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 103ga(6) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Għandhom jinnotifikaw l-istrateġija tagħhom lill-Kummissjoni sad-data tal-iskadenza pprovduta fil-paragrafu 1.

3. L-Anness II għal dan ir-Regolament jipprovdi għall-allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna Komunitarja għal kull Stat Membru, ikkalkulata abbażi tal-kriterju tal-allokazzjoni msemmi fl-Artikolu 103ga(5) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta tal-anqas darba kull tliet snin jekk l-Anness II għadux konsistenti ma' dak il-kriterju tal-allokazzjoni.

4. L-allokazzjonijiet tal-għajnuna Komunitarja riżervati għall-Istati Membri li sal-31 ta' Jannar ta' dik is-sena li fiha jibda l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 ma jkunux innotifikaw lill-Kummissjoni, jewinkella li jkunu talbu għal parti biss mill-allokazzjoni inizjali tagħhom, għandhom jiġu allokati mill-ġdid bejn l-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw u li, sad-data tal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1, ikunu nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar ir-rieda tagħhom li jużaw aktar mill-allokazzjoni inizjali tagħhom tal-għajnuna Komunitarja.

▼M3

L-allokazzjoni mill-ġdid tal-għajnuna mill-Unjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi implimentata skont id-daqs tal-allokazzjoni indikattiva inizjali stabbilit fl-Anness II iżda fil-limiti ffissati fil-paragrafu 5. Madankollu, il-limiti ffissati fil-paragrafu 5 m'għandhomx japplikaw matul l-ewwel sentejn skolastiċi ta' applikazzjoni tal-iskema minn Stat Membru.

([1]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.

▼B

Sal-31 ta' Marzu tas-sena li fiha jibda l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna Komunitarja lill-Istati Membri.

▼M3

5. L-allokazzjoni mill-ġdid għandha tkun limitata bil-livell tal-esekuzzjoni tal-allokazzjoni għas-sena skolastika li tkun intemmet qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, kif stabbilit fil-15 ta' Ottubru tas-sena skolastika sussegwenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jkunu ntbtgħatu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006 ([1]). Il-limiti għandhom ikunu kif ġej:

(a) meta l-esekuzzjoni tal-allokazzjoni hija anqas jew ugwali għal 50 % tal-allokazzjoni finali, l-ebda allokazzjoni addizzjonali m'għandha tingħata;

(b) meta l-esekuzzjoni tal-allokazzjoni hija ogħla minn 50 % iżda anqas jew ugwali għal 75 % tal-allokazzjoni finali, il-massimu tal-allokazzjoni addizzjonali għandu jkun limitat għal 50 % tal-allokazzjoni indikattiva;

(c) meta l-esekuzzjoni tal-allokazzjoni hija ogħla minn 75 % tal-allokazzjoni finali, l-allokazzjoni addizzjonali massima m'għandhiex tkun limitata.

▼B

Artikolu 5

L-ispejjeż eliġibbli

1. ►M2 -ispejjeż li ġejjin huma eliġibbli għall-għajnuna mill-Unjoni stipulata fl-Artikolu 103ga tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007:

(a) spejjeż għall-frott u l-ħxejjex, għall-frott u l-ħxejjex ipproċessati u għall-prodotti tal-banana koperti mill-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel u mwassla lil stabbiliment edukattiv;

(b) spejjeż relatati, li huma l-ispejjeż marbuta direttament mal-implimentazzjoni ta' Skema tal-Frott għall-Iskejjel u għandhom jinkludu biss:

(i) spejjeż tax-xiri, ir-renta, il-kiri u x-xiri bin-nifs ta' tagħmir, jekk l-istrateġija tipprovdi għal dan;

(ii) spejjeż għall-attivitajiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 12, li għandhom ikunu marbuta direttament mal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel;

(iii) spejjeż għall-komunikazzjoni, li għandhom ikunu marbuta direttament mal-informazzjoni lill-pubbliku aktar wiesa' dwar l-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel u li għandhom jinkludu l-kartellun imsemmi fl-Artikolu 14(1); dawk l-ispejjeż jistgħu jinkludu waħda mill-miżuri tal komunikazzjoni u attivitajiet jew aktar:

— kampanji ta' informazzjoni premezz tax-xandir, komunikazzjonijiet elettroniċi, gazzetti u mezzi simili ta' komunikazzjoni;

— sessjonijiet ta' informazzjoni, konferenzi, seminars u gruppi ta' ħidma iddedikati għall-informazzjoni tal-pubbliku aktar wiesa' dwar l-iskema u avvenimenti simili;

— materjal ta' informazzjoni u promozzjoni bħal ittri, fuljetti, browċers, oġġetti u affarijiet simili. ◄

Fejn l-ispejjeż tat-trasport u tad-distribuzzjoni tal-prodotti koperti mill-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel tinħarġilhom fattura separata, it-tali spejjeż ma għandhomx jaqbżu t-3 % tal-ispejjeż tal-prodotti.

([1]) ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1.

▼B

Meta l-prodotti jingħataw lill-istabbilimenti edukattivi bla ħlas, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw fatturi għat-trasport u d-distribuzzjoni, soġġetti għal limitu stabbilit fl-istrateġija tal-Istat Membru.

L-ispejjeż tal-komunikazzjoni msemmija fil-punt (b)(iii) tal-ewwel subparagrafu ma jistgħux jiġu ffinanzjati taħt l-iskemi l-oħrajn tal-għajnuna Komunitarja.

▼M2

It-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u nefqa relatata mal-ispejjeż tal-persunal mhumiex eleġibbli għal għajnuna mill-Unjonu stipulata fl-Artikolu 103ga tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, bl-eċċezzjoni ta' spejjeż tal-persunal li jagħmlu parti mill-ispejjeż relatati mal-attivitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, meta dawk l-attivitajiet isiru minn entitajiet esterni.

2. L-ammont totali tal-ispejjeż skont il-punt (b)(iii) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu jirrappreżenta ammont fiss u għandu jkun soġġett għal limitu li ma jaqbiżx il-5 % tal-ammont annwali tal-għajnuna mill-Unjoni allokata lill-Istat Membru kkonċernat, wara l-allokazzjoni definittiva msemmija fl-Artikolu 4(4).

L-ammont totali tal-ispejjeż skont il-punti (b)(i) u (ii) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż l-10 % tal-ammont annwali tal-għajnuna mill-Unjoni allokata lill-Istat Membru kkonċernat, wara l-allokazzjoni definittiva msemmija fl-Artikolu 4(4).

▼B

Artikolu 6

Kundizzjonijiet ġenerali għall-għoti tal-għajnuna

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għajnuna li hemm dispożizzjoni dwarha taħt l-istrateġija tagħhom għandha titqassam lill-applikanti għall-għajnuna fejn dawn l-applikanti jkunu ressqu applikazzjoni valida għall-għajnuna lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Applikazzjoni għall-għajnuna għandha tkun valida biss jekk titressaq minn applikant li jkun ġie approvat għal dak il-għan mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun jinsab l-istabbiliment edukattiv li lilu jkunu qed jiġu fornuti l-prodotti.

2. L-Istat Membru jista' jagħżel applikanti għall-għajnuna minn fost l-entitajiet li ġejjin:

(a) l-istabbilimenti edukattivi;

(b) l-awtoritajiet tal-edukazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti mqassma lit-tfal fiż-żona tagħhom;

(c) il-fornituri u/jew id-distributuri tal-prodotti;

(d) l-organizzazzjonijiet li jagħixxu f'isem wieħed jew aktar mill-istabbilimenti edukattivi jew mill-awtoritajiet edukattivi u stabbiliti b'mod speċifiku għal dan il-għan;

(e) kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra li tieħu ħsieb:

(i) id-distribuzzjoni tal-frott u l-ħaxix, tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u tal-prodotti tal-banana lill-istabbilimenti edukattivi fil-qafas ta' Skema tal-Frott għall-Iskejjel stabbilita taħt, jew allinjata ma', dan ir-Regolament;

▼M1

(ii) il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u/jew il-komunikazzjoni.

▼M2

Artikolu 7

Kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-applikanti għall-għajnuna

1. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel kundizzjonijiet biex tkun approvata l-għajnuna għall-impenji bil-miktub li ġejjin mill-applikant:

(a) li juża prodotti ffinanzjati taħt Skema tal-Frott għall-Iskejjel li tkun konformi ma' dan ir-Regolament għall-konsum mit-tfal tal-istabbiliment edukattiv tiegħu jew tal-istabbilimenti li dwarha jkunu ser japplikaw għall-għajnuna;

(b) li juża l-għajnuna għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel jew għall-komunikazzjoni skont il-fini tal-Iskema;

(c) li jirrifondi kwalunkwe ammont ta' għajnuna mħallsa b'mod mhux dovut għall-kwantitajiet konċernati, jekk jinstab li dawn il-prodotti ma jkunux tqassmu lit-tfal imsemmija fl-Artikolu 2 jew li l-għajnuna tkun tħallset għal prodotti li mhumiex eliġibbli taħt dan ir-Regolament;

(d) f'każ ta' frodi jew ta' negliġenza serja, li jħallas ammont li jkun ugwali għad-differenza bejn l-ammont imħallas inizjalment u l-ammont li huwa intitolat għalih l-applikant;

(e) li jagħmel disponibbli d-dokumenti sostantivi lill-awtoritajiet kompetenti fuq it-talba tagħhom;

(f) li jagħmel kwalunkwe verifika li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tiddeċiedi li tagħmel, b'mod partikolari l-iskrutinju tar-reġistri u l-ispezzjonar fiżiku.

2. Fil-każ ta' applikanti għall-għajnuna msemmija fil-punt (e)(ii) tal-Artikolu 6(2), għandhom japplikaw biss il-punti (b), (d) u (e) biss tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-applikanti għall-għajnuna msemmija fil-punti (c), (d) u (e)(i) tal-Artikolu 6(2) għandhom jagħmlu impenn addizjonali bil-miktub biex iżommu reġistru tal-ismijiet u l-indirizzi tal-istabbilimenti edukattivi jew, meta jkun xieraq, tal-awtoritajiet edukattivi u l-prodotti u l-kwantitajiet mibjugħa jew fornuti lil dawn l-istabbilimenti jew awtoritajiet.

4. L-Istati membri jistgħu jirrikjedu impenji addizjonali bil-miktub mill-applikant.

———————

▼B

Artikolu 9

Is-sospensjoni jew l-irtirar tal-approvazzjoni

Jekk jinstab illi applikant għall-għajnuna m'għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 6, 7 u 8, jew kull obbligu ieħor skont dan ir-Regolament, l-approvazzjoni tista' tiġi sospiża għal perjodu ta' bejn xahar u tnax-il xahar jew tista' tkun irtirata, skont il-gravità tal-irregolarità. Din l-azzjoni ma għandhiex tittieħed f'każi ta' *force majeure* jew jekk l-Istat Membru jsib illi l-irregolarità ma kinetx imwettqa apposta jew b'negliġenza jew li din kienet ta' ftit importanza. L-approvazzjoni, ġaladarba tkun irtirata, tista' tingħata lura fuq it-talba tal-applikant wara perjodu minimu ta' 12-il xahar.

▼B

Artikolu 10

Applikazzjonijiet għall-għajnuna

▼M2

1. L-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom isiru b'mod li għandu jkun speċifikat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna mressqa mill-applikant imsemmija fil-punti (a) sa (d) u fil-punt (e)(i) tal-Artikolu 6(2) għandhom jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kwantitajiet imqassma;

(b) l-isem u l-indirizz jew in-numru tal-identifikazzjoni tal-istabbiliment edukattiv jew tal-awtorità edukattiva li għalih/għaliha jkun qed jirreferi t-tagħrif imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu;

▼M3

(c) in-numru ta' tfal li jattendu regolarment l-istabbilimenti edukattivi rispettivi intitolati li jirċievi l-prodotti koperti mill-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel tal-Istat Membru matul il-perjodu taż-żmien kopert mill-applikazzjoni għall-għajnuna;

▼M2

(d) id-dokumenti sostantivi li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-frekwenza tal-applikazzjonijiet f'konformità mal-istrateġija tagħhom, iżda l-perjodi ta' applikazzjoni għall-għajnuna ma għandhomx ikopru aktar minn 5 xhur. Jekk l-iskema ddum iktar minn 6 xhur mill-perjodu msemmi fl-Artikolu 4(1), l-għadd totali tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna għal kull perjodu għandu jkun tal-anqas tlieta.

3. Għajr f'każijiet ta' *force majeure*, biex ikunu validi, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom jimtlew b'mod korrett u jitressqu sal-aħħar jum tat-tielet xahar ta' wara tmiem il-perjodu relatat magħhom. ►M2 Fil-każ ta' applikazzjoni għall-għajnuna għar-rapport ta' evalwazzjoni mwettaq skont l-Artikolu 12, l-iskadenza għandha tkun l-aħħar jum tal-ewwel xahar wara tmiem l-iskadenza tal-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2). ◄

4. ►M2 L-ammonti murija fl-applikazzjoni għandhom ikunu appoġġati minn xhieda ddokumentata miżmuma disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. ◄ Din l-evidenza għandha turi l-prezz tal-prodotti mwassla u għandha tkun bl-irċevuta jew bi prova tal-ħlas.

Artikolu 11

Ħlas tal-għajnuna

1. ►M2 Fir-rigward tal-applikanti għall-għajnuna msemmija fil-punti (a) sa (d) u fil-punt (e)(i) tal-Artikolu 6(2) l-għajnuna biss għandha titħallas: ◄

(a) jekk tiġi ppreżentata rċevuta għall-kwantitajiet imwassla fil-verità; jew

(b) fuq il-bażi tar-rapport ta' spezzjoni magħmula mill-awtorità kompetenti qabel il-ħlas finali tal-għajnuna, li jistabbilixxi li r-rekwiżiti tal-ħlas ikunu ntlaħqu; jew

(c) jekk l-Istat Membru jawtorizza hekk, jekk tiġi ppreżentata prova alternattiva li l-kwantitajiet imwassla għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ikunu tħallsu.

▼M2

1a. Fir-rigward ta' applikanti għall-għajnuna msemmjia fil-punt (e)(ii) tal-Artikolu 6(2), l-għajnuna għandha titħallas biss meta jitwasslu l-oġġetti jew is-servizzi kkonċernati u meta titressaq l-evidenza dokumentata relatata kif mitlub mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

▼B

2. L-għajnuna għandha titħallas mill-awtorità kompetenti fi żmien tliet xhur wara l-jum tat-tressiq tal-applikazzjoni għall-għajnuna mimlija b'mod korrett u valida. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-forma u l-kontenut ta' applikazzjoni valida għall-għajnuna.

3. Jekk il-limitu taż-żmien imsemmi fl-Artikolu 10(3) jinqabeż b'anqas minn xahrejn, l-għajnuna xorta waħda għandha titħallas iżda għandha titnaqqas:

(a) b'5 % jekk iż-żmien ikun inqabeż b'xahar jew anqas;

(b) b'10 % jekk iż-żmien ikun inqabeż b'aktar minn xahar iżda b'anqas minn xahrejn.

▼M2

Ladarba l-limitu taż-żmien imsemmi fl-Artikolu 10(3) jinqabeż b'xahrejn, l-għajnuna għandha titnaqqas b'1 % għal kull jum addizzjonali.

▼B

Artikolu 12

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Iskema tagħhom tal-Frott għall-Iskejjel fuq bażi annwali. Il-monitoraġġ għandu jissejjes fuq id-dejta li toriġina mill-obbligi ta' ġestjoni u ta' kontroll, inklużi dawk stipulati fl-Artikoli 10 u 11. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal strutturi u forom adegwati sabiex jiżguraw il-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-programm

▼M2

2. ►M3 L-Istati Membri għandhom jevalwaw l-implimentazzjoni tal-Iskema tagħhom tal-Frott għall-Iskejjel u jivvalutaw l-effettività tagħha, inkluż l-impatt tagħha fuq id-drawwiet ta' kif jieklu t-tfal. ◄ Għall-perjodu ta' implimentazzjoni mill-1 ta' Awwissu 2010 sal-31 ta' Lulju 2011, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-riżultati tal-eżerċizzju tagħhom tal-evalwazzjoni lill-Kummissjoni sad-29 ta' Frar 2012. Għal perjodi ta' implimentazzjonijiet sussegwenti, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport ta' evalwazzjoni li jkopri l-perjodu ta' implimentazzjoni għal ħames snin ta' qabel sal-aħħar ta' Frar ta' kull ħames sena wara d-29 ta' Frar 2012.

▼B

3. Fil-każ li, sad-data msemmija fil-paragrafu 2 jew inkella kull ħames snin wara dik id-data, Stat Membru ma jinnotifikax ir-riżultati tal-eżerċizzju tiegħu tal-evalwazzjoni, l-ammont tal-allokazzjoni li jmiss se jitnaqqas kif ġej:

(a) b'5 % jekk id-dewmien ikun ta' xahar jew anqas;

(b) b'10 % jekk id-dewmien ikun ta' aktar minn xahar iżda ta' anqas minn xahrejn.

Ladarba l-limitu taż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1 jiddewwem b'xahrejn, l-għajnuna għandha titnaqqas b'1 % għal kull jum addizzjonali.

▼B

Artikolu 13

Il-kontrolli u s-sanzjonijiet

▼M2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu spezzjoni amministrattiva sħiħa tal-applikazzjonijiet kollha għall-għajnuna.

2. F'każi meta applikant japplika għall-għajnuna imsemmija fil-punti (a) sa (d) u fil-punt (e)(i) tal-Artikolu 6(2), l-ispezzjonijiet amministrattivi għandhom jinkludu spezzjoni tad-dokumenti sostantivi relatati mat-twassil tal-prodott kif stipulat mill-Istati Membri. L-ispezzjonijiet amministrattivi għandhom ikunu ssupplimentati bi spezzjonijiet fuq il-post imwettqa b'mod partikolari fuq:

(a) ir-reġistri msemmija fl-Artikolu 7, inklużi r-reġistri finanzjarji bħall-fatturi tax-xiri u tal-bejgħ u l-estratti bankarji;

(b) l-użu tal-prodotti ssussidjati skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari jekk ikun hemm raġunijiet biex wieħed jissuspetta xi irregolarità.

2a. F'każi meta applikant imsemmi fil-punt (e)(ii) tal-Artikolu 6(2) japplika għall-għajnuna, l-ispezzjonijiet amministrattivi għandhom jinkludu spezzjoni tat-twassil tal-oġġetti u s-servizzi u l-veraċità tan-nefqa mressqa.

▼B

3. ►M2 L-għadd totali tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa għal kull perjodu li jestendi mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju għandu jkopri tal-anqas 5 % tal-għajnuna mqassma fil-livell nazzjonali u tal-anqas 5 % tal-applikanti kollha msemmija fil-punti (a) sa (d) u fil-punt (e)(i) tal-Artikolu 6(2). ◄

F'każ li l-għadd tal-applikanti fi Stat Membru jkun ta' anqas minn mija, il-verifiki fuq il-post għandhom jitwettqu fil-postijiet ta' ħames applikanti.

F'każ li l-għadd tal-applikanti fi Stat Membru jkun ta' anqas minn ħamsa, 100 % tal-applikanti għandhom isirulhom kontrolli.

4. Il-verifiki fuq il-post għandhom jitwettqu matul il-perjodu mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju u għandhom ikopru perjodu ta' mill-anqas it-tnax-il xahar ta' qabel.

5. L-applikanti suġġetti għall-verifiki fuq il-post għandhom jintagħżlu mill-awtorità kompetenti billi jitqiesu b'mod dovut iż-żoni ġeografiċi differenti, u abbażi ta' analiżi tar-riskju li tqis b'mod partikolari n-natura rikorrenti tal-iżbalji u s-sejbiet tal-verifiki li jkunu twettqu fis-snin ta' qabel. L-analiżi tar-riskju għandha tqis ukoll l-ammonti differenti ta' għajnuna involuti u t-tip ta' applikanti msemmija fl-Artikolu 6(2).

6. F'każijiet fejn l-applikant imsemmi fl-Artikolu 6(2) (b) sa ►M2 (e) (i) ◄ japplika għall-għajnuna, il-verifika fuq il-post imwettqa fil-post tal-applikant għandha tkun issupplimentata b'verifiki fuq il-post fil-postijet ta' mill-anqas żewġ stabbilimenti edukattivi jew ta' mill-anqas 1 % tal-istabbilimenti edukattivi msemmija fir-reġistru tal-applikant, skont liema minnhom ikun l-akbar.

▼B

7. Madankollu, sakemm l-iskop tal-kontroll ma jitqiegħedx fil-periklu, jista' jingħata avviż bil-quddiem, limitat b'mod strett għall-perjodu minimu taż-żmien neċessarju.

8. L-awtorità kompetenti ta' kontroll għandha tfassal rapport ta' kontroll dwar kull verifika fuq il-post. Ir-rapport għandu jiddeskrivi preċiżament il-prodotti differenti kkontrollati.

Ir-rapport ta' kontroll għandu jitqassam fil-partijiet li ġejjin:

(a) parti ġenerali li jkun fiha, b'mod partikolari, it-tagħrif li ġej:

(i) l-iskema, il-perjodu kopert, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna kkontrollati, il-kwantitajiet tal-prodotti koperti mill-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel, l-istabbilimenti edukattivi li jkunu qed jipparteċipaw, stima bbażata fuq id-dejta disponibbli dwar l-għadd ta' tfal li għalihom tħallset l-għajnuna u l-ammont finanzjarju involut;

(ii) il-persuni responsabbli preżenti;

(b) parti li tiddeskrivi, b'mod separat, il-kontrolli mwettqa, u li jkun fiha, b'mod partikolari, it-tagħrif li ġej:

(i) id-dokumenti li ġew ivverifikati;

(ii) in-natura u l-estent tal-verifiki mwettqa;

(iii) ir-rimarki u s-sejbiet.

9. Għall-irkupru ta' ammonti mħallsa b'mod mhux dovut, għandu japplika, *mutatis mutandis*, l-Artikolu 73(1), (3), (4) u (8) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 ([1]).

10. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 9, f'każ ta' frodi jew ta' negliġenza serja li għaliha l-applikant ikun responsabbli, huwa għandu, minbarra li jirkupra l-ammonti mħallsa b'mod mhux dovut skont il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, jħallas ukoll ammont li huwa ugwali għad-differenza bejn l-ammont imħallas inizjalment u l-ammont li huwa intitolat għalih l-applikant.

▼M1

Artikolu 14

Il-kartellun dwar "l-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel"

1. L-Istati Membri li jkunu qed jieħdu sehem fl-"Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel" għandhom jgħarrfu lill-pubbliku li l-iskema rċeviet għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jużaw kartellun, magħmul skont ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness III, li għandu jitqiegħed b'mod permanenti f'post fejn ikun jidher u fejn ikun jista' jinqara biċ-ċar fid-daħla prinċipali tal-istabbiliment edukattiv li jkun qed jieħu sehem fl-iskema.

▼M2

2. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li ma jużawx il-kartellun imsemmi fil-paragrafu 1, fl-istrateġija tagħhom għandhom jispjegaw b'mod ċar kif se jgħarrfu lill-pubbliku dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għall-iskema tagħhom.

2a. Fi kwalunkwe każ, is-siti tal-internet u kwalunkwe strument ieħor ta' komunikazzjoni msemmija fil-punt (b)(iii) tal-Artikolu 5(1) dwar l-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel ta' Stat Membru għandhom juru l-bandiera Ewropea u jsemmu "l-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel" u l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18.

▼M1

3. Referenzi għall-kontribuzzjoni finanzjarja li tkun tat l-Unjoni Ewropea għandu jkollhom tal-anqas l-istess viżibbiltà bħall-kontribuzzjonijiet minn entitajiet privati jew pubbliċi oħrajn li jkunu qed jappoġġaw l-iskema tal-Istat Membru.

4. L-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw il-kartelluni u l-mezzi l-oħrajn tat-tagħrif stampati qabel il-31 ta' Jannar 2011 abbażi tal-leġiżlazzjoni li kienet tapplika meta saru sal-31 ta' Awwissu 2012.

▼M3

Artikolu 15

Notifiki

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Novembru tas-sena li fiha jintemm il-perjodu msemmi fl-Artikolu 4(1), dwar:

(a) ir-riżultati tal-eżerċizzju tal-monitoraġġ, li dwaru hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 12(1);

(b) il-verifiki fuq il-post li twettqu skont l-Artikoli 13 u 16 u s-sejbiet relatati.

2. F'każ li Stat Membru jbiddel l-istrateġija msemmija fl-Artikolu 3, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-istrateġija l-ġdida tiegħu, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

3. In-notifiki msemmija f'dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament (KE) Nru 792/2009.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-istrateġiji tal-Istati Membri u r-riżultati tal-eżerċizzju tagħhom ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni fuq bażi regolari.

▼B

Artikolu 16

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2009 sal-31 ta' Lulju 2010, l-Istati Membri jistgħu jfasslu strateġija li jkun fiha biss l-elementi prinċipali li ġejjin: il-baġit, il-grupp fil-mira u l-prodotti eliġibbli u, b'deroga mill-Artikolu 3(2), jistgħu jastjenu milli jkollhom il-lista tal-prodotti eliġibbli approvati mill-awtoritajiet tas-saħħa kompetenti tagħhom. Jistgħu wkoll jipposponu l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' akkumpanjament sa tmiem dak il-perjodu.

2. Għall-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, u b'deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), l-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw l-istrateġija tagħhom sal-31 ta' Mejju 2009, filwaqt li sal-31 ta' Lulju 2009 l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi biss dwar l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna Komunitajra.

3. Għall-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, u b'deroga mill-Artikolu 11(2), l-għajnuna għandha titħallas mill-awtorità kompetenti fi żmien erba' xhur mill-ġurnata tat-tressiq tal-applikazzjoni mimlija b'mod korrett u valida msemmija fl-Artikolu 6(1), filwaqt li l-perċentwal tal-verifiki fuq il-post imsemmija fl-Artikolu 13(3) għandu jkopri tal-anqas 10 % tal-għajnuna u 10 % tal-applikanti għall-għajnuna.

Artikolu 17

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-15 ta' April 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Lista ta' prodotti li għandhom jiġu eskluži minn Skema tal-Frott għall-Iskejjel li hija kkofinanzjata mill-għajnuna Komunitarja

Prodotti li fihom:

— Iz-zokkor miżjud

— Ix-xaħam miżjud

— Il-melħ miżjud

— Sustanzi miżjuda li jagħtu l-ħlewwa

▼M3

ANNESS II

Allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna Komunitarja għal kull Stat Membru

Stat Membru	Ir-rata tal-kofinanzjament (f'%)	Tfal ta' bejn is-6 u l-10 snin numri assoluti	EUR
L-Awstrija	50	439 035	1 303 700
Il-Belġju	50	592 936	1 760 700
Il-Bulgarija	75	320 634	1 428 200
Il-Kroazja	75	249 197	1 110 000
Ċipru	50	49 723	175 000
Ir-Repubblika Ċeka	73	454 532	1 963 100
Id-Danimarka	50	343 807	1 020 900
L-Estonja	75	62 570	278 700
Il-Finlandja	50	299 866	890 500
Franza	51	3 838 940	11 632 700
Il-Ġermanja	52	3 972 476	12 333 000
Il-Greċja	59	521 233	1 837 700
L-Ungerija	69	503 542	2 051 800
L-Irlanda	50	282 388	838 500
L-Italja	58	2 710 492	9 403 100
Il-Latvja	75	99 689	444 100
Il-Litwanja	75	191 033	850 900
Il-Lussemburgu	50	29 277	175 000
Malta	75	24 355	175 000
Il-Pajjiżi l-Baxxi	50	985 163	2 925 400
Il-Polonja	75	2 044 899	9 108 500
Il-Portugall	68	539 685	2 172 300
Ir-Rumanija	75	1 107 350	4 932 400
Is-Slovakkja	73	290 990	1 260 700
Is-Slovenja	75	93 042	414 400
Spanja	59	2 006 143	7 073 400
L-Isvezja	50	481 389	1 429 500
Ir-Renju Unit	51	3 635 300	11 010 800
UE 28	**58**	**26 169 686**	**90 000 000**

▼B

ANNESS III

Ir-rekwiżiti minimi għall-powster dwar l-“Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel”

Id-daqs tal-powster:	A3 jew akbar
Id-daqs tal-ittri:	Ċentimetru (1) jew akbar
It-titlu:	“Skema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel”
Il-kontenut:	Tal-anqas il-kliem li ġejjin filwaqt li jitqies it-tip ta’ stabbiliment edukattiv:

▼M1

“[It-tip ta’ stabbiliment edukattiv tagħna (pereżempju skola tat-trabi/skola ta’ qabel l-iskola primarja/skola)] jieħu sehem fl-‘Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel’ bl-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea.” Il-kartellun għandu jkollu l-emblema tal-Unjoni Ewropea.